**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Frar, 2002**

**Numru 22**

**Avviz numru 1818/01JR**

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha John's Garage Limited u l-istess John's Garage Limited**

**vs**

**Joseph Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-27 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u sittin lira Maltija u**

**erbgha u sittin centezmu (Lm168.64), u fejn intqal:**

**Illi fid-29 ta' Mejju, 2001 f' Bugibba, Frank Gorge Smith kien qieghed isuq il-vettura FBK-715 assikurata mal-kumpanija attrici assikurattrici u ta' proprjeta` tal-kumpanija attrici l-ohra. Huwa kien ghaddej minn Pioneer Road, Bugibba Square. F'daqqa wahda il-vettura KAE-408 misjuqa mill-konvenut harget minn side-road (Triq il-Qroll) u baqghet diehla gewwa fih fil-bieba tal-genb ta' wara d-driver. Dak il-hin id-driver l-iehor kellu l-mobile phone f'idejh;**

**Illi l-atturi interpellaw lill-konvenut u lill-assikurazzjoni tieghu b'ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru, 2001 biex ihallsu id-danni fis-somma ta' mija tmienja u sittin lira Maltija erbgha u sittin centezmu (Lm168.64) kwantu ghal mija u seba' liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm107.14) lill-kumpanija assikurattrici bhala s-somma li sburzat taht il-polza u kwantu ghal wiehed u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm61.50) lill-kumpanija l-ohra attrici li batithom minn butha,izda ghal ta' xejn;**

**Ghalhekk l-atturi qeghdin jitolbu li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni l-imsemmija somma ta' mija tmienja u sittin lira Maltija erbgha u sittin centezmu (Lm168.64) kwantu ghal mija u seba' liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm107.14) lill-kumpanija assikuratrici attrici, u kwantu ghal wiehed u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm61.50) lill-**

**kumpanija l-ohra attrici, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni u ghad-danni konsegwenzjali, bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru, 2001, u dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut ingunt ghas-subizzjoni, kif ukoll l-imghax ta' 8% fis-sena mill-5 ta' Novembru, 2001.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Mula ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, li wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, u semgha x-xhieda, jiddeciedi li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, u jikkundanna lilll-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici assikurattrici s-somma ta' mija u seba' liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm107.14), u lis-socjeta` attrici John's Garage Ltd. is-somma ta' wiehed u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm61.50), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru, 2001, u dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**